**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Deċiżjoni Numru 2507**

Każ Nru: 3373/ ET

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn

Marcus Thomlinson

u

deVere & Partners Holding Ltd.
(C-31663)

Illum : 1 ta' Frar, 2018

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt.

## Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors mill-avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar fit-2 ta' Ġunju 2015, f'isem ir-rikorrent li l-kontenut tiegħu kien kif ġej.

Ir-rikorrent beda l-impjieg tiegħu fit-3 ta' Marzu 2014 *full-time* b'kuntratt indefinit bħala *Recruitment and Training Manager* u li dejjem qeda dmiru tajjeb u bl-akbar serjeta' u professjonalita' u li qatt ma ngħata l-ebda twissija bil-miktub jew bil-fomm.

Illi bħal sajjetta fil-bnazzi, fil-5 ta' Frar 2015 id-direttur Beverly Yeomans permezz ta' ittra infurmat lir-rikorrent li l-pożizzjoni tiegħu ma kinitx iktar neċessarja fis-soċjeta' intimata u dan bl-ebda mod ma kellu jiġi interpretat bħala riflessjoni fuq l-imġiba jew ix-xogħol tiegħu minkejja li r-rikorrent kien id-dar fuq *sick leave*. Ir-rikorrent għaldaqstant ġie *redundant* b'effett mill-5 ta' Frar 2015.

Ir-raġuni mogħtija mis-soċjeta' intimata mhijiex raġuni valida u skont il-liġi tant li x-xogħol, is-servizz u d-dmirijiet li r-rikorrent kien jagħti għadhom neċessarji tant li dan ix-xogħol qieghed isir minn impjegat ieħor. Ir-raġuni ta' *redundancy* mhix ġenwina u ma saritx skont il-liġi u l-pożizzjoni għadha teżisti fis-soċjeta' intimata.

Illi t-tkeċċija tar-rikorrent hija waħda inġusta u r-raġuni li ngħata kienet biss tentattiv biex tinħeba r-raġuni vera u ċioe' l-animożita' u pika da parti tad-direttur maniġerjali wara li r-rikorrent kien sab ħwejjeġ fuq is-soċjeta' intimata li minħabba fihom bdew jarawh żejjed. It-tkeċċija ġiet 'ikkamufatta' f'sensja u dan billi kienu jafu li ma kienx hemm ebda raġuni valida biex jiġi tterminat l-impjieg u allura s-sensja ma saritx għal raġuni tajba u suffiċjenti skont il-liġi.

Għaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob lit-Tribunal biex jikkonsidra u jiddeċiedi li t-tkeċċija kienet inġusta u bbażata fuq raġunijiet mhux tajba u suffiċjenti skont il-liġi u tordna dawk il-miżuri meħtieġa li tagħti l-liġi inkuż kumpens xieraq u adegwat.

Fid-dikjarazzjoni tal-każ tagħha, is-soċjeta' intimata, permezz tal-Avv. Dott. Pio. M. Valletta ddikjarat kif ġej:

Is-soċjeta' intimata kkonfermat l-ingaġġ tar-rikorrent fit-3 ta' Marzu, 2014, bħala *Training and Recruitment Manager* u kompliet fuq it-tema tar-*redundancy*.

Illi fejn tidħol *redundancy*, m'għandu x'jaqsam xejn jekk ir-rikorrent qediex dmiru tajjeb jew jekk ingħatax twissijiet. Illi *redundancy* hija forma ta' temm ta' mpjieg li huwa fid-dehra u formalment ġust, għad illi jseħħ meta, min qiegħed iħaddem ma jħallix għażla oħra għajr li jtemm l-impjieg, iżda għal ħaddiem jinħass bħala att u azzjoni inġusta, għad illi l-ħaddiem ma jkun għamel xejn ħażin. Huwa fatt indiskuss li *redundancy* hija waħda mir-raġunijiet kunsidrati mil-leġislatur bħala ġusti għal tmiem l-impjieg. Allura f'ċirkostanzi fejn *redundancy* hija ġustifikata għal raġunijiet ekonomiċi, min iħaddem għandu dritt jeżerċita dan id-dritt skont il-proċeduri li tipprovdi l-liġi.

Ir-rikors tar-rikorrent huwa bbażat li d-dmirijiet li kellu r-rikorrent għadhom neċessarji u qed isiru minn ħaddiem ieħor.

Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondanti għax fl-ewwel lok inbidlu l-metodi ta' kif jiġu riklutati n-nies mis-soċjeta' intimata u allura dak li kien jagħmel ir-rikorrent ma kienx aktar meħtieġ. Fit-tieni lok ir-rikorrent kien ġie ingaġġat biex jassisti uffiċjali għoli tas-soċjeta' f'mument meta l-proċeduri ta' reklutaġġ kienu tali li din l-għajnuna kienet meħtieġa.

Kif inbidlu l-metodi ta' reklutaġġ din l-assistenza ma baqgħetx meħtieġa u ġew segwiti r-rekwiżiti stattutorji fl-eżerċizzju tad-dritt ta' tmiem tal-impjieg kawża ta' *redundancy* u r-raġunijiet li ġab ir-rikorrent biex jirribatti dan fir-rikors tiegħu huwa bla bażi.

L-allegati animożita' u pika, apparti li dawn m'għandhomx x'jaqsmu ma' *redundancy*, huma biss finzjonijiet f'moħħ ir-rikorrent li jidher li nħakem minn sentiment paranojku u kien jaħseb li kienet teżisti xi konġura kontrieh.

Huwa ċar u manifest li f'ebda mument ir-rikorrent ma ressaq xi lment jew aggravju dwar id-dritt tas-soċjeta' intimata li ttem l-impjieg minħabba *redundancy.*

Id-dikjarazzjoni ttemm tgħid li in-vista tal-fatti u tal-konsiderazzjonijiet m'għandux jiġi ddikjarat li seħħet xi tkeċċija inġusta tar-rikorrent u konsegwentament it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda u respinti.

## Fatti prinċipali

- Ir-rikorrent beda jaħdem mas-soċjeta' intimata fit-3 ta' Marzu 2014, *full-time,* fuq kuntratt indefinit bħala *Recruitment and Training Manager.*
- Fil-5 ta' Frar 2015 is-soċjeta' intimata, permezz tad-direttur Beverly Yeomans infurmat b'ittra lir-rikorrent li l-pożizzjoni tiegħu ma kinitx aktar neċessarja fis-soċjeta' intimata.
- Għaldaqstant ir-rikorrent ġie *redundant* b'effett mill-5 ta' Frar 2015.

## Provi

F'dawn il-proċeduri xehdu: ir-rikorrent, Andrew Chalkien – *Head of Training* u Beverly Yeomans – Direttur. Ġew esebiti diversi dokumenti.

## Kunsiderazzjonijiet

Dan it-Tribunal għandu biex jikkonsidra jekk is-soċjeta' intimata kinitx ġusta li tterminat lir-rikorrent fuq bażi ta' *redundancy.*

Ir-rikorrent, qabel ġie mpjegat Malta mis-soċjeta' intimata kien diġa' jagħmel xogħol ta' *presentations* jew *previews* lill-istess soċjeta' f'Manchester. Mix-xhieda ħareġ li x-xogħol prinċipali tar-rikorrent kien li jassisti fir-*recruitment* u t-taħriġ li jsir f'Malta.

Jidher li dawn il-*presentations/previews* kienu jqumu ħafna flus u s-soċjeta' intimata bdiet tuża l-*webinars* flokhom li bażikament ma jqumu xejn għax kollox online. Din kienet ir-raġuni prinċipali li wasslet għar-*redundancy.* Dan ix-xogħol kien jokkupa aktar minn 70% tal-ħin tar-rikorrent f'xogħlu. Jidher li wara li waqfu l-*presentations/previews* ir-rikorrent ġie mitlub jagħmel xi *recruitment* u xi taħriġ.

Ir-rikorrent bagħat ittra twila ta' 'grievance' lis-soċjeta' intimata u fl-istess ħin ma daħalx għax-xogħol fejn kien hemm xi jiem li ma tax raġuni u kien hemm jiem oħra li kien marid. Jidher li t-tobba tas-soċjeta' intimata ma ridux imorru jinviżtawh għax kien qed juri attitudni ostili.

L-affidavit ta' Beverly Yeomans, Andrew Chalkien u Lindsay McCorkindale u ta' Mark Reed kienu kollha konsistenti. Bażikament illi r-rikorrent kien ġie ngaġġat biex jassisti fil-*group presentations* u fit-taħriġ li jsir Malta jekk Andrew Chalkien jew it-*trainer* l-ieħor (Ms. Watson) ikunu qed jivvjaġġaw.

Illi f'Jannar tal-2015 dawn il-*presentations/previews* inbidlu għal *Webinars* filwaqt li t-taħriġ naqas drastikament biex jitnaqqsu l-ispejjeż. Illi minħabba f'dan ma kienx hemm bżonn iktar il-ħtieġa għall-irwol tar-rikorrent u li Andrew Chalkien u l-assistent tiegħu kienu biżżejjed għal fejn kien jirrikjedi t-taħriġ.

Illi wkoll li r-rikorrent kien sar wisq negattiv, kien ifalli spiss u ma kienx dejjem jimxi mal-istruzzjonijiet.

Illi r-rikorrent kontinwament kellu domandi u argumenti fuq il-pakkett finanzjarju tiegħu. Illi meta s-soċjeta' intimata ddeċidiet fuq ir-*redundancy* tar-rikorrent dan irraporta *sick.* Dan kien fil-15 ta' Jannar 2015. Meta mar it-tabib tas-soċjeta' biex jinvista lir-rikorrent dan irrifjuta. Qal li kellu ċertifikat tat-tabib tiegħu li kien jagħlaq f'sebat (7) ijiem oħra. Wara li għaddew is-sebat ijiem reġa' ntbagħat it-tabib mis-soċjeta' intimata iżda r-rikorrent irrifjuta li jiġi eżaminat u allura t-tabib tas-soċjeta' ma setax jiċċertifikah. Fl-istess żmien ir-rikorrent bagħat dik l-ittra ta' 'grievance' li ġiet imsemmija qabel.

Fil-qosor fis-sottomissjonijiet finali, ir-rikorrent qal li r-*redundancy* kienet tpattija għall-argumenti tiegħu li ressaq lis-soċjeta' u li għaldaqstant ma kinitx *redundancy* ġenwina.

Illi r-rikorrent ġie impjegat bħala *manager* u mhux jassisti lil ta' fuqu.

Min-naħa tagħha s-soċjeta' intimata fis-sottomissjonijiet finali fakkret li kif ġie ppruvat, inbidlu l-metodi ta' reklutaġġ u allura dak li kien jagħmel ir-rikorrent ma baqax meħtieġ u li r-rikorrent ġie ngaġġat biex jassisti uffiċjal għoli meta kien hemm ħtieġa ta' dan sakemm inbidlu l-metodi. Illi r-rikorrent qatt ma lmenta li s-soċjeta' kisret xi proċeduri jew liġi meta ddikjaratu *redundant.* U illi ġie ppruvat li ma ġie ngaġġat ħadd ġdid sabiex jagħmel ix-xogħol li seta' kien qed jagħmel ir-rikorrent.

## **Deċiżjoni**

It-Tribunal analizza u wiżen il-fatti, il-provi u x-xhieda bl-akbar reqqa. Is-soċjeta' intimata, b'dak li rriżulta matul il-każ ma għamlitx sew bit-titlu li tat lir-rikorrent ta' '*Recruitment and Training Manager'.* Ix-xogħol involut ħareġ mill-provi li kien iktar ta' assistenza. Ir-rikorrent min-naħa tiegħu, b'mod ġenerali, ma tantx għen lilu nnifsu. Kien għadu fl-ewwel sena tal-impjieg u kontinwament b'xi tilwima, b'mod jew ieħor, mas-superjuri tiegħu.

Iżda l-punt prinċipali li qed tiġi bbażata fuqu d-deċiżjoni hija l-konsistenza ta' erba' uffiċjali ewlenin tas-soċjeta' intimata li fl-Affidavits ġuramentati tagħhom ilkoll qablu li r-rikorrent twaqqaf mill-impjieg għax verament inbidlu l-metodi ta' reklutaġġ u allura r-rikorrent ma kienx aktar bżonnjuż biex jassisti f'dan il-qasam ta' xogħlu li kien ix-xogħol prinċipali tiegħu. Dan it-tibdil isarraf f'iffrankar konsiderevoli ta' spejjeż.

It-Tribunal qagħad attent għall-allegazzjoni tar-rikorrent li r-*redundancy* kienet xi forma ta' tpattija iżda żgur li l-bdil tal-metodi tax-xogħol ma sarux għal din ir-raġuni.

Finalment it-Tribunal għaraf li b'dak kollu li ħareġ mill-każ ma jirriżultax li ġiet ingaġġata xi persuna flok ir-rikorrent.

Meħuda in-konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ dan it-Tribunal qed jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent għal raġuni ta' *redundancy* saret b'mod ġust.

Għal finijiet tal-kapitlu 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**CHAIRMAN**

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja